## ĦĠEJJEĠ

*Ta'* Wallace Gulia

Jiġru ma' kullimkien
biex jagħmlu kbira
l-ħuġġieġa
b'tifkira tal-Battista
u jtuha n-nar fl-għaxija
u meta taqbad
iduru magħha, ferħanin, kburija...

'Ma meta jikbru m'hemmx għalfejn jitħabtu:
għax bla ma jridu, tixgħel sħiħ ġo qalbhom,
ħuġġieġa li ma tmutx tul jiem u ljieli.

W għalkemm il-ħruq ikidd il-ħsieb u s-saħħa,
bħat-tfal iż-żgħar, jinġibdu mill-ġmiel tagħha...

Nhar San Ġwann, 1951.

---

## MASKARATA

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Qegħdin tarawni l-lum b'dil-maskra f'wiċċi,
infaqqa' d-daħk kull ħin,
Żgħażagħ iduru miegħi, u bi tbissima
jisṭidnuni għaż-żfin.

U magħhom niżfen f'sakra ta' tgawdija,
f'milja ta' hena w ferħ,
Mal-qiegħa tleqq nitbandlu, lkoll mitlufa
f'mewġa ta' qbiż bla serħ.

Imma intom — intom li qed tiżfnu miegħi
lili ma tafunix,
F'ħajti ħlief baħar ta' tiġrib u dwejjaq
akṭar minn hekk m'għandix.



Twelidt f'għaks kbir — kif kienet tgħidli ommi —
fil-għaks kont għoddni mitt,
Donnha n-Natura riedet li taħqarni
sa mill-ħin li twelidt.

Missieri miet, ma niftakrux, u 'l ommi
tliftha, kont għadni tfal,
Ġarrabt kalvarju sħiħ, u għixt fil-faqar,
waħdi, bla raj, bla dar.

U għax kont fqira, ħadd ma ried jaf bija,
ħafna batejt u nħqart,
Rajt jiem u ljieli twal ta' ġuħ u niket,
ġie li rqadt barra, fl-art.

Il-lum qed niżfen magħkom, żgħażagħ hienja,
u t-tfal fi qtajja' qtajja'
Isejħu "Maskarata! Maskarata!"
u jiġru lkoll warajja.

Halluhom dawk it-tfal ħelwin, ferħana,
iduru w jaqbżu miegħi,
Qed ifakkruni f'dak iż-żmien ta' ħajti
meta kelli t-tfal tiegħi.

Qed ifakkruni f'Karmen u f'Toninu
iduru t-tnejn flimkien.
Id-dar hienja bl-agħjat u bil-logħob tagħhom,
u magħhom nilgħab jien.

Il-Hajja tatni dawk it-tfal biex tfawwar
il-kalċi ta' l-imrar:
Għadni narahom, mimlija ħajja, u f'daqqa
it-tnejn, mejtin, ġo sptar.

Halluhom dawk it-tfal ħelwin, ferħana,
iduru w jaqbżu miegħi,
Qed ifakkruni f'dak iż-żmien ta' ħajti
meta kelli t-tfal tiegħi.